MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2005

Avviz Numru. 184/2004

**Carmela Farrugia**

**vs**

**John Dalli**
**u b'digriet tat-23 ta' Frar, 2005 il-Qorti ordna li jigi kancellat l-isem 'John' u sostitwit bl-isem 'Joseph'**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba ta' l-attrici ghall-kundanna tal-konvenut sabiex jizgombra l-fond 20, Triq il-Karmnu, Sqaq Numru 1, Luqa u dan stante li qieghed jokkupah minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Ghall-fini ta' kompetenza gie dikjarat li l-valur lokatizzju tal-fond huwa ta' elf u hames mitt lira maltin (Lm1,500).

Bl-ispejjez, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta’ l-attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-31 ta’ Mejju, 2005, meta gew pprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici, tipprefiggi terminu ta’ xahrejn sabiex il-konvenut jizgombra mill-fond 20, Triq il-Karmnu, Sqaq Numru 1, Luqa u dan stante li qieghed jokkupah minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------